# PELLEGRINI TAT-TAMA

## ĠUBLEW 2025

**Mhux il-bieb fejn ser naslu,**
**imma dak mnejn irridu nitilqu**

# IL-ĠRAJJA TAL-ĠUBLEW

**Ġrajja ta' importanza kbira spiritwali, ekkleżjali u soċjali.**

**Don speċjali ta' grazzja, ikkaratterizzat mill-maħfra tad-dnubiet.**

*Il-Papa Franġisku fl-Ittra lil Mons. Rino Fisichella*

*11 ta' Frar 2022*

# IL-KELMA ĠUBLEW

**Mil-Lhudi *"Jobèl"*, tirreferi għall-qarn li minnu kienu jagħmlu t-tromba li tindaqq biex tħabbar il-bidu tas-Sena Mqaddsa.**



# ORIĠNI FIT-TESTMENT IL-QADIM

*Ktieb tal-Levitiku kap 25:8-17,29-31*

**Nilmħu tliet aspetti li jiggwidawna llum...**

- **Aspett Teoloġiku: Alla mal-bniedem.**
- **Aspett Soċjali: Il-bnedmin mal-bniedem.**
- **Aspett Naturali: Il-bniedem mal-art, mal-ħolqien.**

# IMBAGĦAD FIT-TESTMENT IL-ĠDID

*Ġesù nnifsu jaqra mill-Profeta Iżaija [Lq 4:18-19]*

**"L-Ispirtu tal-Mulej fuqi, għax hu kkonsagrani. Bagħatni nħabbar il-ħelsien lill-imjassrin, inwassal il-bxara t-tajba lill-fqajrin, u d-dawl mill-ġdid lill-għomja, inrodd il-ħelsien lill-maħqurin u nxandar sena tal-grazzja tal-Mulej."**

**U qalilhom: "Din il-kitba seħħet illum, intom u tisimgħu."**

# IL-ĠUBLEW FIL-ĠRAJJA TAL-KNISJA

**Kien fl-1300 li l-Papa Bonifaċju VIII waqqaf għall-ewwel darba din is-Sena Mqaddsa…**

- **Fil-bidu kull 100 sena.**
- **Imbagħad fuq mudell bibliku kull 50 sena.**
- **Wara, kif isir illum, kull 25 sena.**

**Imma l-Papa jista' jsejjaħ Ġublew Straordinarju fi snin oħra, kif seħħ fil-Ġublew Straordinarju tal-Ħniena 2015-2016.**

- Il-kuluri differenti tal-figuri jirrappreżentaw popli differenti minn kontinenti differenti.
- Il-mewġ tal-ħajja, pandemija, gwerra...
- Imħaddna flimkien, b'sinjal ċar ta' solidarjetà u fraternità li jnissel tama bejn il-popli.
- L-ankra, simbolu tat-Tama, hija s-Salib ta' Kristu li mħaddnin miegħu permezz ta' xulxin.
- Imma li ma jorbotniex fil-post li nkunu, bħal kull ankra oħra, imma bħal qlugħ imexxina 'l barra.

**MHUX biċċa xogħol oħra ma' dawk li diġà għandna, imma okkażjoni biex nindirizzaw il-ħtiġijiet pastorali li diġà hemm.**

**MHUX sempliċi pellegrinaġġ/ġita lejn Ruma fl-2025, imma mixja flimkien fir-realtajiet differenti tas-soċjetà: parroċċi, familji, djar tal-anzjani, sptarijiet, postijiet ta' detenzjoni ...**

**MHUX biss għall-poplu Malti jew għall-Kattoliċi jew l-Insara, imma għal kull persuna oħra, l-aktar dawk fil-bżonn.**

**MHUX biss għall-bniedem, imma għall-ħolqien kollu – ambjent.**

# PELLEGRINI TAT-TAMA

**PELLEGRINI: MHUX għax ħa mmorru għal xi pellegrinaġġ ...**

**IMMA hija l-mixja tal-ħajja li tinbidel f'pellegrinaġġ biss meta nagħmluha flimkien u fuq kollox imħaddna ma' Kristu.**

**TAT-TAMA: MHUX it-tama vojta li nifhmu b'mod negattiv ...**

**IMMA tama mibnija fuq solidarjetà bejnietna u mal-oħrajn u fuq il-mixja tagħna ma' Kristu.**

# ĦAJJA SPIRITWALI U SOĊJALI

**Id-dimensjoni spiritwali tal-Ġublew, li tistieden għall-konverżjoni, għandha titwaħħad ma' dawk l-aspetti fundamentali tal-ħajja soċjali, biex nibnu għaqda koerenti.**

**Inħossuna lkoll pellegrini fuq l-art li fiha l-Mulej qegħidna biex nieħdu ħsiebha u nħarsuha (ara Ġen 2:15).**

**Ma nittraskurawx, fil-mixja tagħna, il-kontemplazzjoni tal-ġmiel tal-ħolqien u l-għożża tad-dar komuni tagħna.**

# BIEX NIFHMU AĦJAR

**Il-Papa jissuġġerixxi l-4 Kostituzzjonijiet tal-Konċilju Vatikan II. L-għan żgur mhux wieħed akkademiku imma...**

- **biex nifhmu aħjar lilna nfusna bħala Knisja** *(Lumen Gentium)*
- **biex insiru aktar midħla tal-Kelma ta' Alla** *(Dei Verbum)*
- **biex ngħixu b'mod awtentiku dak li niċċelebraw fil-Liturġija** *(Sacrosanctum Concilium)*
- **biex l-hena u t-tama, in-niket u t-tħassib tal-bnedmin tal-lum, fuq kollox tal-foqra u ta' dawk kollha li jbatu, isiru wkoll l-hena u t-tama, in-niket u t-tħassib tagħna** *(Gaudium et Spes)*

# SUĠĠERIMENTI MILL-MAĠISTERU

- **Sensiela ta' 38 katekeżi mill-Papa Franġisku fuq it-Tama Nisranija, 2016-2017.**
- **L-Enċiklika *Spe Salvi* tal-Papa Benedittu XVI, 2007.**
- **Katekeżi waħda, imma importanti ħafna, fuq it-Tama mill-Papa Ġwanni Pawlu I, 20/09/1978.**
- **Kitba tal-Papa Ġwanni Pawlu II, *"Imorru 'l hemm mill-għatba tat-Tama"*, 1994.**

*Insibuhom kollha bil-Malti...*

# MILL-KELMA TA’ ALLA

- Sentenzi mill-Kotba Mqaddsa li jispiraw u jnisslu t-tama.
- Passaġġi, l-aktar mill-Evanġelju, li jistgħu jsiru f’laqgħat ta’ Lectio Divina li jħeġġuna:

  a. biex infittxu t-tama tagħna f’Alla,

  b. u li bis-solidarjetà tagħna nkunu aħna stess għajn ta’ tama għall-oħrajn.
- Fl-omeliji u prietki.
- Opportunità speċjali jkunu l-Eżerċizzi tar-Randan 2024.

# IS-SENA 2024

**“Sena ddedikata għat-talb. Tkun sinfonija kbira ta’ talb biex nirkupraw ix-xewqa li noqogħdu fil-preżenza tal-Mulej, nisimgħuh u nadurawh.”**

- **Aktar knejjes miftuħa f’sigħat itwal mal-jum, filgħaxija, billejl.**
- **Sejħa speċjali għall-Ewkaristija, il-Qrar, il-Griżma tal-Morda.**
- **Li nilħqu aktar fi djarhom lil dawk li ma jistgħux jiġu huma.**
- **L-iskejjel; tant tfal, adolexxenti u żgħażagħ jinħtieġu ħafna tama.**
- **Il-Familji; biex ikunu huma stess benniena ta’ tama.**
- **Għaqdiet u movimenti, li jistgħu jkunu ħabbara tat-tama.**

# IL-PELLEGRINAĠĠ TAT-TAMA JRID JIBDA MILL-ĦNIENA

- **Kien kumbinazzjoni li 10 snin qabel il-Ġublew tat-Tama, il-Papa Franġisku sejjaħ Ġublew Straordinarju tal-Ħniena?**

- **Kien kumbinazzjoni li ġimgħa wara li temm 38 katekeżi fuq il-Ħniena, il-Papa Franġisku beda mill-ewwel 38 katekeżi oħra fuq it-Tama Nisranija?**

# AKTAR DOMANDI

- **Kien kumbinazzjoni li eżatt 5 snin wara li ntemm il-Ġublew tal-Ħniena u 5 snin qabel iċ-ċelebrazzjoni tal-Ġublew tat-Tama, il-Papa Franġisku żied mal-Litanija Lawretana tliet invokazzjonijiet ġodda li l-ewwel tnejn huma:**

  **Omm tal-Ħniena, u**

  **Omm it-Tama;**

- **filwaqt li t-tielet waħda hija espressjoni prattika u attwali ta' kif il-ħniena ma' dawk fil-bżonn twassal għall-faraġ tat-tama:**

  **Faraġ tal-Migranti?**

# HIJA BISS IL-ĦNIENA LI TWASSALNA GĦAT-TAMA

- **L-ewwel, il-Ħniena Divina magħna** *("Dives in misericordia" tal-Papa Ġwanni Pawlu II, 1980),*

- **imbagħad il-ħniena tagħna bejnietna** *("Fratelli tutti" tal-Papa Franġisku, 2020),*

- **bla ma nittraskuraw il-kura tad-dar komuni tagħna** *("Laudato Si'", li għaliha l-Papa Franġisku ser jippubblika t-tieni parti f'Ottubru 2023).*

# SINJALI LI JURUNA T-TRIQ TAL-PELLEGRINAĠĠ LEJN IL-ĠUBLEW

**Ma' dawk li diġà semmejna qabel;**

**IL-MAĠISTERU, IL-KELMA TA' ALLA, IT-TALB**

**... żgur irid ikun hemm ukoll ...**

**L-OPRI TAL-ĦNIENA**

*Dawn huma kollha inizjattivi li nistgħu nieħdu wkoll flimkien ma' parroċċi jew ma' realtajiet pastorali jew soċjali oħra.*

# U MA NINSEWX

**... li l-2025 mhux il-mument ta' wasla, iżda biss tappa oħra matul it-triq.**

**It-tappa li jkun imiss wara din hija dik tal-2033, Ġublew Straordinarju ieħor, li dwaru l-Papa Franġisku ġa tkellem fl-Angelus tat-12 ta' Diċembru 2021.**

**Tkun Sena Mqaddsa speċjali oħra li timmarka l-2000 sena mill-Passjoni, il-Mewt u l-Qawmien mill-Imwiet tal-Mulej tagħna, Kristu Ġesù.**

# RIŻORSI OĦRA LI JISTGĦU JGĦINU

**Fil-Laikos tista' ssib bosta riżorsi ta' għajnuna bi tħejjija għall-Ġublew 2025, "Pellegrini tat-Tama"**

**laikos.org/g2025/**

*Preżentazzjoni miġbura minn Joe Farrugia*